# ID-DAWL

JANNAR 2024 | WWW.AHMADIYYA.MT | NUMRU 73

**"L-ebda ruħ ma taġixxi ħlief kontra tagħha stess; u l-ebda reffiegħ ta' tagħbija ma jerfa' t-tagħbija ta' ħaddieħor."**




Sitt Snin ta' Suċċess | Id-Diżabbiltà u d-Dnub | Il-Werrieta tal-Premju | Il-Valur tal-Verità

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# Sitt snin ta' suċċess

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Sitt snin ilu ġietna l-idea li noħorġu magażin kull xahar biex nindirizzaw it-tħassib u l-mistoqsijiet diversi li ħafna nies ikollhom f'moħħhom; u biex niddiskutu wkoll kwistjonijiet nazzjonali u internazzjonali. Ir-rivista **Id-Dawl** hija l-invenzjoni tagħna u wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħha huwa li nipprovdu lill-qarrejja tagħna kontenut differenti, edukattiv, riċerkat sewwa u li jqanqal il-ħsieb. Għaddew sitt snin minn mindu kellna l-pjaċir u l-barka biex noħorġu l-ewwel edizzjoni ta' din ir-rivista **Id-Dawl** f'Jannar 2018. Bil-grazzja ta' Alla Omnipotenti, flimkien mal-kontenut, stinkajna kemm flaħna biex din ir-rivista nagħmluha waħda attraenti ħafna, preżentabbli, kif ukoll ta' kwalità għolja. Aħna rnexxielna wkoll inwasslu lill-qarrejja tagħna kontenut fuq diversi temi bl-ilsien Malti mirqum sewwa.

Issa, mal-bidu tas-seba' sena, se noħolqu żewġ kolonni ġodda għall-qarrejja tagħna. Waħda se tkun dedikata għad-diskussjoni dwar aspett morali fundamentali u din is-sensiela dwar il-valuri morali se titkompla tul l-edizzjonijiet li ġejjin; u t-tieni, se jkun hemm kolonna ta' mistoqsijiet u tweġibiet (**Q&A u FAQ**), fejn se nkunu qed nirrispondu għal mistoqsijiet li nirċievu minn żmien għal ieħor mingħand il-qarrejja tagħna. Jekk jogħġobkom iktbulna fuq **amjmalta@gmail.com**, jekk għandkom xi mistoqsija, jew kulma tixtiequ tkunu tafu jew taqraw f'**Id-Dawl**; barra minn hekk, is-suġġerimenti tagħkom jgħinuna dejjem biex intejbu l-kwalità tal-prodott. F'din l-edizzjoni ta' **Id-Dawl** se niddiskutu dwar il-kwalità morali fundamentali tal-'verità' u se nindirizzaw ukoll it-tema tat-tbatija fid-dinja, suġġett li ħafna jsaqsuna dwaru, speċjalment iż-żgħażagħ.

## ID-DAWL

JANNAR 2024 – Numru 73 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

## INDEX

| | |
|---|---|
| Six years of success | 02 |
| Is disability the result of sin? | 03 |
| What is sin? | 03 |
| Suffering and happiness | 04 |
| The truthfulness | 06 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Nongningstudio|Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

## Q&A Id-diżabbiltà hija r-riżultat tad-dnub?

**"Min qabad it-triq it-tajba, huwa qabadha għall-ġid ta' ruħu stess; u dak li jitbiegħed, jitbiegħed biss għat-telfien tiegħu. U l-ebda ruħ ma terfa' t-toqol ta' ruħ oħra."** (Il-Koran, 17:16)

**"L-ebda ruħ ma taġixxi ħlief kontra tagħha stess; u l-ebda reffiegħ ta' tagħbija ma jerfa' t-tagħbija ta' ħaddieħor."** (Il-Koran, 6:165)

Dawn iż-żewġ versi mill-Koran Imqaddes jagħmlu biżżejjed enfasi dwar is-suġġett ta' 'reliġjon, diżabbiltà u sofferenza'. Dawn iż-żewġ versi kategorikament jiċħdu l-idea li l-mard jew id-diżabbiltajiet fi trabi tat-twelid huma kkawżati minħabba d-dnub jew it-toqol ta' kwalunkwe ruħ. Din l-idea ma għandha x'taqsam xejn mar-reliġjon u l-Iżlam ukoll jagħmilha ċara li ma jaqbilx ma' din l-ideoloġija jew stigma. Dawn iż-żewġ versi t'hawn fuq għandhom l-intenzjoni li jwasslu l-messaġġ li kull persuna għandha ġġorr is-salib tagħha u terfa' r-responsabbiltajiet tagħha; u li kull persuna għandha taffaċċja l-konsegwenzi tal-azzjonijiet tagħha.

## X'inhuwa d-Dnub?

Qabel inkomplu, irridu nsaqsu: X'inhuwa d-Dnub? Id-dnub huwa attività li twassal biex tmarrad spiritwalment ir-ruħ tal-bniedem, u li din ma tkunx tista' tilmaħ wiċċ Alla jew tikseb il-qrubija tiegħu. Meta r-ruħ tersaq lejn l-għan tal-kreazzjoni tagħha, tul it-triq se tiltaqa' ma' ħafna sfidi. L-attivitajiet li jitqiesu bħala dnub jew ikunu fiżiċi, fejn il-perikli jkunu viżibbli kemm għal dak li jkun kif ukoll għal oħrajn, jew ikunu spiritwali.

Skont l-Iżlam, **"Kull tarbija titwieled innoċenti."** It-tfal li ma jkunux laħqu l-età tal-għarfien jibqgħu innoċenti, u ma jkunux suġġetti għall-kastigi, u l-ebda mġiba ħażina jew għemil ħażin min-naħa tagħhom ma jista' jitqies bħala dnub. Pereżempju, jekk tifel żgħir jisraq biċċa ċikkulata, ma jiġix akkużat b'serq u jibqa' kkunsidrat innoċenti minħabba li ma jkunx immatura biżżejjed biex jagħmel id-distinzjoni bejn it-tajjeb u l-ħażin jew il-virtù u d-dnub, jew bejn dak li hu legali u dak li mhuwiex. Aktar minn hekk, jekk allaħares qatt dak it-tifel imut f'età bikrija, huwa jmur il-Ġenna għax, skont l-Iżlam, tifel li jmut qabel ma jibda jifhem id-differenza bejn id-dnub u l-virtù, l-azzjonijiet kollha tiegħu jitqiesu bħala innoċenti.

## L-Iżlam kif iqis is-sitwazzjoni ta' xi ħadd li jkun twieled b'xi kundizzjoni partikolari?

L-ewwel nett irridu nirrikonoxxu li l-barkiet li Alla tefa' fuqna huma bla għadd u li l-għarfien tagħna ma jibdiex meta mqabbel ma' ta' Alla, għaldaqstant m'aħniex kapaċi nifhmu kompletament l-għerf ta' kull azzjoni ta' Alla Omnipotenti.

It-tieni, kieku ma kienx hemm tbatija, kif stajna nifhmu xi jfissru l-ferħ u l-kuntentizza? It-tbatija kienet kruċjali għall-bnedmin biex jevolvu f'esseri ħassieba u biex jifhmu l-kuntentizza. Aspett ieħor tal-eżistenza tat-tbatija huwa li l-bnedmin tgħallmu l-lezzjoni tal-benevolenza kif ukoll il-valuri tal-umanità permezz tagħha. Kieku ma kien hemm l-ebda tbatija, kif konna nitgħallmu l-valuri tal-gratitudni, tal-ġenerożità, u tal-empatija?

Issa, immaġinaw dinja fejn ma jeżistix mard tal-biża' u fejn il-bnedmin huma meqjusa ugwali. Dan allura jfisser li l-ħajja waqfet ħesrem u ma jkun hemm bżonn tal-ebda progress uman. Ix-xewqa ġewwiena li tħeġġeġ f'kull individwu biex iħabrek ħalli jtejjeb lilu nnifsu u l-kundizzjonijiet ta' madwaru bla dubju hija r-riżultat tal-koeżistenza tat-tbatija u l-kuntentizza.

## Mezz għall-investigazzjoni xjentifika

Barra minn hekk, hemm ħafna sigrieti fl-iżvilupp uman moħbija fid-digriet divin ta' Alla l-Eżaltat. It-tbatija ssir xprun għall-investigazzjoni xjentifika, l-invenzjoni u l-progress għall-umanità. Riċentement, rajna b'għajnejna stess u esperjenzajna kif il-pandemija tal-Covid-19 irnexxielha ġġib lill-bniedem fix-xejn u kien hawn sofferenzi kbar fid-dinja kollha. Wasslet lill-bnedmin biex jissieltu kemm jifilħu ħalli jeħilsu mit-tbatija u l-uġigħ. Fil-fatt bis-saħħa ta' dawn is-sofferenzi kollha ġew ivvintati għadd ta' vaċċini li ġabu l-fejqan, is-saħħa u l-konfort lill-umanità flimkien ma' metodi aħjar ta' kif wieħed jaħseb u jaħdem.

Barra minn hekk, huwa ppruvat li ħafna difetti li jeżistu jirriżultaw minn diżordni ġenetika jew traskuraġni umana imma l-aktar ħaġa importanti




hija li dan kollu ma għandu x'jaqsam xejn mad-dnub. Pereżempju, ix-xjenza medika wriet li ċertu dgħufijiet tal-ġenituri jaffettwaw lit-tfal tagħhom. Jekk ma tingħatax attenzjoni sħiħa tul it-tqala, xi kultant dan jista' jħalli effetti detrimentali fuq il-ħajja tat-tarbija fil-ġuf. Anki dawk l-ommijiet li jagħmlu d-dieta waqt it-tqala kultant ikollhom trabi mhux b'saħħithom.

Bl-istess mod, jekk omm tuża sustanzi illeċiti tul it-tqala tagħha, naturalment dan se jħalli effetti negattivi fuq it-tarbija. Din hija r-raġuni għala t-tobba jagħtu pariri lin-nisa sabiex jevitaw il-konsum tal-alkoħol, it-tipjip u xorb mimli zokkor tul it-tqala tagħhom u minflok iżommu dieta bilanċjata u jadottaw stil ta' ħajja sana għall-benesseri tas-saħħa tat-tarbija u tagħhom infushom. Hija għalhekk il-liġi tan-natura li t-tfal jirtu kemm l-aspetti tajbin kif ukoll ħżiena mingħand il-ġenituri tagħhom, jiksbu saħħa u ġenetika tajba mingħandhom bħalma jirtu l-mard. Jekk ma jirtux il-mard u d-difetti mingħand il-ġenituri tagħhom, mela bl-istess mod ma jirtux l-affarijiet tajba.

## Il-werrieta vera tal-premju

Nixtieq nikkonkludi bi kwotazzjoni tal-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], waqt il-Prietka tal-Ġimgħa tiegħu, nhar it-2 ta' Ottubru 2015; huwa jgħid:

"Dawk li ma jaqtgħux qalbhom mis-sofferenzi u jibqgħu paċenzjużi huma l-werrieta vera tal-premju bla limiti u inkalkolabbli ta' Alla. Għalhekk, huwa neċessarju għal wieħed li jemmen li jifhem it-tifsir tal-paċenzja. Il-paċenzja ma tfissirx li persuna m'għandhiex tħoss rimors għal kwalunkwe telfien, iżda pjuttost li wieħed ma jħalli l-ebda telfa jew uġigħ jgħakksuh sal-punt li jitlef moħħu, li jaqta' qalbu u li ma jutilizzax il-ħiliet prattiċi tiegħu. Għalhekk, sa ċertu punt, huwa sewwa li nħallu lilna nfusna nħossuna ddispjaċuti jew imdejqa, iżda huwa importanti wkoll li nbiddlu dawk l-emozzjonijiet f'azzjonijiet pożittivi ħafna aktar minn qabel u nimxu 'l quddiem b'determinazzjoni ġdida ħalli niksbu għanijiet aktar għolja."

Il-Morali

# Il-Verità

Kull bniedem għandu x-xewqa u l-aspirazzjoni li jidher sabiħ u jipprepara lilu nnifsu b'diversi tipi ta' make-up biex ikun jidher uniku, differenti, isbaħ, eleganti u aħjar minn oħrajn. Naturalment, is-sbuħija esterna u l-make-up huma importanti wkoll, iżda s-sbuħija reali hija s-sbuħija tal-qalb, il-moħħ u r-ruħ, u s-sbuħija tal-morali għolja. Hemm sbuħija fil-karattru tajjeb tal-bniedem. Is-sbuħija reali hija sbuħija ta' ġewwa. Il-morali għolja u l-karattru għoli huma l-ġojjell tal-umanità.

Huwa importanti ħafna li qatt ma ninjoraw u ninsew dawn l-assi prezzjużi u l-ġojjelli tal-umanità, u li rridu ngħammru bis-sbuħija tal-umanità, bil-ġojjellerija tal-valuri morali. Il-kuxjenza u l-morali jiddistingwuna minn ħlejjaq oħra, għax huma jieklu, jixorbu u jorqdu bħalna.

Il-verità hija waħda mid-diversi morali murija f'din il-ġojjell sabiħ tal-umanità.




## Il-Koran Imqaddes

“Intom li temmnu, ibżgħu minn Alla u kunu ma’ dawk li jgħidu u jagħmlu s-sewwa.” (9:119)

“La tħawdux il-verità mal-falsità, u la taħbux is-sewwa u l-verità meta intom tafu sew.” (2:43)

“Intom li temmnu! Ibżgħu minn Alla, u għidu l-verità sħiħa. Huwa jsewwi l-għemejjel tagħkom u jaħfrilkom dnubietkom.” (33:71-72)

## Diskorsi tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

“Meta titkellmu, tigdbux. Meta twiegħdu xi ħaġa, żommu kelmitkom. Meta tkunu fdati, tiksrux dik il-fiduċja.” (*Al-Mu’jam al-Kabir*)

“Warrab dak kollu li jġagħlek tiddubita u żomm ma’ dak li hu nieqes mid-dubju, għaliex il-verità ssabbar, il-falsità tinkwetak.” (*Tirmiżi*)

“Il-verità twassal għall-virtù u l-virtù twassal għall-Ġenna. Persuna tippersisti li tibqa’ tgħid il-verità sakemm quddiem Alla tibda tissejjaħ Onesta. Il-gideb iwassal għall-vizzju u l-vizzju jwassal għall-Infern; u persuna tibqa’ tigdeb sakemm quddiem Alla tibda tissejjaħ giddieba.” (*Bukhari* u *Muslim*)




Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kellu livelli għoljin tal-verità. Huwa kien iqis il-verità bħala l-pedament tal-virtujiet kollha, tat-tieba u tal-imġiba korretta.

Jingħad li kien hemm raġel li kien jagħmel ħafna affarijiet ħżiena. Dan mar għand il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u staqsieh, "Kif nista' nagħmel biex nieqaf milli nwettaq affarijiet ħżiena?" Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] wieġeb, "Dejjem għid il-verità." Ftit jiem wara, ir-raġel kien se jwettaq att immorali jew żieni, iżda ħaseb, "X'jiġri jekk il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] isaqsini dwaru? Jiena ma nistax nigdeb." Għalhekk dan l-att immorali jew żieni ma wettqux. L-għada, kien se jisraq xi ħaġa, iżda ħaseb, "X'jiġri jekk il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] isaqsini jekk sraqtx xi ħaġa? Ma nistax nigdeb." Għaldaqstant ma seraqhiex. Bil-mod il-mod ir-raġel waqaf milli jwettaq l-għemejjel ħżiena billi ried dejjem jistqarr il-verità.

Daqshekk huwa importanti li dejjem tgħid il-verità. Għalhekk, qatt ma għandna nigdbu għaliex Alla ma jiħux pjaċir b'nies li jigdbu u ma jgħinniex jekk jaqbadna f'dan. Alla jgħin u jieħu pjaċir b'dawk kollha li jgħidu l-verità.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**